**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Illum, 22 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Gilmour Flask**
**(ID 450196(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Gilmour Flask**, iben Joseph u Ramona nee` Ellul, imwieled il-Pieta` nhar it-30 ta' Ottubru 1996, residenti fil-fond F14, Triq is-Sirena fl-Isla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 450196(M);

1. Akkużat talli nhar l-14 ta' Frar 2017, bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (13:00 – 14:00 hrs) ġewwa Triq San Zakkarija fil-Belt Valletta u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa l-istabbilimenti 'Super Dry' u 'Dorothy Perkins' għad-dannu ta' Robert Paul Pace u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema valur ma jiskorrix is-somma ta' €232.94 u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar il-21 ta' Marzu 2017 bejn il-ħdax ta' filgħodu u nofsinhar (11:00-12:00hrs) ġewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u/jew f'inħawi

oħra ta' dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa l-istabbiliment 'Peacocks' għad-dannu tad-diriġenti ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema valur ma jiskorrix is-somma ta' €232.94 u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar it-18 ta' April 2017, bejn il-ħdax u nofs ta' fil-għodu u n-nofsiegħa ta' wara nofsinhar (11.30-12.30 hrs) ġewwa Triq il-Merkanti, fil-Belt Valletta u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' qalziet minn ġewwa l-istabbiliment 'Levi's' għad-dannu tad-diriġenti tal-imsemmi stabbiliment u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema valur ma jiskorrix is-somma ta' €232.94 u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni, fil-waqt illi ddikjarat li kienet qegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-piena, iddikjarat ukoll illi taqbel mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Uffiċjal tal-*Probation* fil-*Pre-Sentencing Report* redatt dwar l-imputat u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża dwar il-piena;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat Gilmour Flask għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi għal fini ta' piena, qieset fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri.

Qieset ukoll il-fedina penali tiegħu, li għalkemm kienet waħda netta fiż-żmien tal-każ, illum tikkontjeni sejbien ta' ħtija dwar reat kontravvenzjonali, kif ukoll dwar ir-reat taħt l-Artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta u ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet ta' din il-Qorti, kif preseduta, fil-kawża odjerna.

Dwar dawn tal-aħħar, mill-istess fedina penali jirriżulta wkoll illi nhar l-10 ta' Ġunju 2019, l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' erba' xhur priġunerija effettiva.

Qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-istess imputat, mil-liema jirriżulta illi fi tfulitu, l-imputat għex u trabba man-nanniet tiegħu, għalkemm kellu kuntatt regolari mal-ġenituri. L-istess imputat ta' spiss kien ikun suġġett għall-*bullying* meta kien l-iskola primarja u per konsegwenza, beda jonqos milli jattendi għal-lezzjonijiet fl-iskola sekondarja, għalkemm baqa' l-iskola sakemm spiċċaha. Huwa beda jabbuża mid-droga *cannabis* ta' eta` tenera ta' ħdax-il sena, sakemm ta' sbatax-il sena beda jabbuża mid-droga eroina. Fiż-żmien tal-kumpilazzjoni tar-rapport (datat 11 ta' Lulju 2017), skont il-verżjoni tiegħu, huwa kien għadu jagħmel użu mid-droga. F'Marzu 2016, huwa għamel l-ewwel kuntatt mal-Aġenzija Caritas, daħal għal ġimgħa ġewwa Dar l-Impenn u f'Awwissu 2016, ġie ammess ġewwa x-Xelter tal-Caritas, iżda telaq f'Settembru 2016. F'Ottubru 2016 beda programm residenzjali, iżda ġie mkeċċi għaliex ma qgħadx mar-regoli tal-programm. Fl-10 ta' Mejju 2017, l-imputat daħal ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, iżda telaq wara ġurnata. Fiż-żmien tar-rapport, huwa kien diżokkupat, għalkemm kien qed jirreġistra mal-JobsPlus sabiex isib impjieg. Skont l-Uffiċjal tal-*Probation*, fil-bidu tal-kumpilazzjoni tar-rapport, l-imputat naqas milli jikkopera miegħu, iżda sussegwentement jidher li fehem l-importanza tal-eżerċizzju li kien qed isir u bidel l-atitudni tiegħu. Fid-dawl tan-natura tar-reati mertu ta' dan il-każ, kif ukoll il-problemi tal-imputat, l-Uffiċjal tal-*Probation* issuġġerixxa illi huwa jingħata sentenza ta' priġunerija sospiża flimkien ma' Ordni ta' Superviżjoni, li għandha tinkludi l-kundizzjoni li l-imputat isegwi programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga.

Qieset in oltre illi mid-data tar-rapport tiegħu, l-Uffiċjal tal-*Probation* preżenta diversi noti dwar l-andament tal-imputat u dan fid-dawl tal-Ordni Temporanja ta' Superviżjoni maħruġa minn din il-Qorti fil-konfront tiegħu. Minn dawn in-noti jirriżulta illi dan l-andament ma kienx wieħed tajjeb. Skont in-nota tas-6 ta' Frar 2018, l-imputat kien qed jonqos milli jżomm kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation*, għalkemm kien għadu f'kuntatt mal-Aġenzija Caritas u daħal ġewwa l-Isptar Monte Karmeli fejn dam biss jumejn u telaq, skont in-nota tat-30 ta' Mejju 2018, ma kienx konsistenti fl-appuntamenti li ngħatawlu mill-Uffiċjal tal-*Probtion*, u għalkemm sostna li kien ser jibda jattendi għall-appuntamenti mal-Aġenzija Sedqa, dan għamlu darba biss f'Ottubru 2017, u skont in-nota tal-5 ta' Lulju 2018, l-imputat baqa' m'għamilx kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation* u l-każ tiegħu mal-Aġenzija Sedqa ngħalaq għax baqa' ma attendiex għall-appuntamenti mogħtija lilu. Għalhekk l-imputat baqa' ma daħalx ġewwa programm residenzjali. Mill-aħħar nota tiegħu, il-

Qorti ma ngħatatx iżjed informazzjoni da parti tal-Uffiċjal tal-*Probation*, iżda jidher mill-fedina penali aġġornata illi l-imputat kompla fit-triq tan-niżla.

Qieset ukoll illi minkejja illi l-Uffiċjal tal-*Probation* ssuġġerixxa fir-rapport tiegħu illi l-imputat jingħata piena ta' priġunerija sospiża, u minkejja wkoll illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qegħda taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni, il-Qorti hija prekluża milli tapplika tali piena u dan in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 28A(7)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti m'għandhiex dubju illi dak li wassal lill-imputat sabiex jikkommetti r-reati odjerni huwa l-vizzju tad-droga. Sfortuntament, minkejja li huwa kellu diversi opportunitajiet sabiex jindirizza dan il-vizzju u fil-mori ta' dawn il-proċeduri, anke tqiegħed taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni sabiex jingħata l-għajnuna kontra l-istess, huwa baqa' ma kkoperax mal-Uffiċjal tal-*Probation* u qata' wkoll kuntatt mal-Aġenzija Sedqa li tramite tagħha seta' jidħol fi programm. Il-Qorti qieset fit-tul dwar kif għandha titratta mal-imputat fil-każ tal-lum, meta minn naħa l-waħda huwa tant evidenti illi għandu bżonn l-għajnuna sabiex jegħleb dan il-vizzju u min-naħa l-oħra, sa llum baqa' ma wera l-ebda motivazzjoni konkreta sabiex jirraddrizza ħajtu, minkejja l-opportunitajiet li kellu sabiex jagħmel dan u l-għajnuna offruta lilu mill-professjonisti kkonċernati. Madankollu, il-Qorti tqis ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, illi l-fedina penali tal-imputat mhijiex waħda allarmanti u illi dan il-każ tal-lum, kien proprju l-ewwel skontru tiegħu mal-ġustizzja, kif ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, iservi iżjed ta' ġid anke lis-soċjeta` in ġenerali, illi l-imputat jingħata l-għajnuna kontra dan il-vizzju. Tittama wkoll illi issa li l-imputat, għall-ewwel darba, qed jiskonta piena karċerarja, jagħraf jiftaħ għajnejh u jirrealiżża illi l-vizzju tad-droga m'huwa ser iwasslu mkien għajr għal iżjed inkwiet u għaldaqstant, sejra għal darb'oħra toffrilu l-opportunita` li jingħata l-għajnuna bil-għan li jegħleb dan il-vizzju, bit-tama wkoll li din id-darba ma jeħlix il-ħin tal-professjonisti u jikkopera magħhom għall-ġid tiegħu stess. Jeħtieġ madankollu illi l-imputat jifhem illi Ordni ta' *Probation* iġġib magħha responsabilitajiet da parti tiegħu u konsegwenzi legali serji u li kemm il-darba huwa ma joqgħodx mal-ħtiġiet tal-Ordni, hemm il-possibilita` reali illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt

Ordni ta' Probation għal żmien tliet snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni, liema Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati, fi kliem sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-*Probation* u kemm il-darba ma jsegwix il-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat